MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2009

Talba Numru. 785/2009

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**
**vs**
**Ahmed Yassine (ID241807L)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' elf, mija u sebgha u ghoxrin ewro u tlieta u sittin ewro centezmi (€1127.63) rapprezentanti prezz ghal servizzi ta' telefonija cellulari rezi mis-socjeta' attrici lil-konvenut in konnessjoni ma 'mobile phone' bin-numru 9990 8575.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas ghal diversi drabi baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjes inkluz tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment u tal-mandat ta' qbid numru 1316/09 u bl-imghaxijiet mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-

datat tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut illi minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax ir-risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mill-Avukat Nadia Vella fit-2 ta’ Novembru, 2009 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------